1 **MINUTI**

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 43

L-ERBGĦA 3 TA' FRAR 2016 FIT-2.30 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku ressaq il-minuti tal-Laqgħa 42 għall-approvazzjoni.

Il-minuti ġew approvati u iffirmati.

## 2. Pagamenti tal-Kontijiet

Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni.

Il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet ġiet approvata u iffirmata.

## 3. Kalendarju ta' Attivitajiet 2016

Karnival 2016 – Is-Sindku wera id-diżappunt tiegħu li d-DLG għadu ma weġibx fuq l-applikazzjoni tagħna għal fondi għal Karnival 2016 fil-ħin. Ħa jkollna nħallsu mil-fondi tal-Kunsill biex issir l-attivita' f'dan l-istadju. Il-Kunsill qabel.

Festa Rizzi – Is-Sindku qal li għal din l-attivita' applikajna għal fondi ukoll, u għadna ukoll bla risposta sfortunatament.

*Connecting Through Culture* Peress li din l-attivita hija kbira, għanda tkun fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss. Għanda ssir ġimgħa wara l-festa tal-Imsida. Il-Kunsill qabel.

Attivitajiet oħra li jistgħu isiru fis-sena 2016 huma Jum Ta' Xbiex u l-*Fun Run*. Nistgħu ukoll norganiżżaw għawma bejn Ta' Xbiex u l-Belt u *ice bucket challenge* għall-karita.

## 4. Visita ġewwa Rocca Santo Stefano u Korsijiet tal-Ingliż

Is-Sindku ta' Rocca Santo Stefano jixtieq jibgħat grupp ta' studenti jitgħalmu l-Ingliż hawn Malta.
Il-Kunsill diġa ġab xi *quotes* għal dan il-kors.
Bl-*accomodation* u *tuition* il-prezz huwa ta' madwar Eur300 kull persuna fil-ġimgħa.

Jekk irridu ċertifikat sempliċi, u mhux ta' istituzjoni edukattiva, mela l-Kunsill jista iġib *teacher* u ngħallmuhom fis-sala tal-Kunsill.

Is-Sindku qal lis-Sindku ta' Rocca Santo Stefano illi l-Kunsill Ta' Xbiex għadu ma għamilx grupp ta' residenti biex jitilgħu Rocca Santo Stefano.

Saru diskussjonijiet bejn is-Sindki dwar il-possibilta illi meta jitilaw gruppi, dawn ikollom *accommodation* fid-djar tar-residenti.
Sar qbil li titħallas l-akkomodazzjoni għad-delegazzjoni ta' Kunsilliera tagħhom li ġejjin biex jaraw l-iskejjel tal-ingliż, qabel jibgħatu l-istudenti fis-sajf li ġej għat-tagħlim tal-ingliż.

## 5. Sistema ġbir ta' Skart li tintuża l-Italja.

Ser tiġi diskussa fid-dettall f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

## 6. Aċċessibilta għall-Bajja

Is-Sindku qal li hu ma jaf b'xejn li ser issir xi gabbana fuq il-*Belvedere*.

Is-Sindku qal li ltaqa mal-KNPD u ġiet diskussa l-aċċessibilta tal-bajja. Qal ukoll li fuq din, filfatt, hu tkellem mal-*Public Works* fuq ħafna affarijiet ta' *embellishment* għall-inħawi tal-bajja. Fosthom rampa min fejn l-*Amigos* għal *Belvedere*, inkluż anke *embellishment* tar-rampa.

Is-Sindku għandu jikteb ittra bid-dettalji ta' x'hemm bżonn li jsir fl-inħawi tal-bajja, inkluż latrina li tista ssir mil-Public Works fejn l-*Amigos*.

## 7. Intervista għall-Clerk

Wara li saru l-intervisti mal-kandidati, ġie magħżul is-Sur Aris John Fenech, peress li jidher persuna matura, ta' esperjenza f'xogħol simili u esperjenza vasta ta' *customare care* dirett man-nies. Wera ukoll disponibilta li jaħdem fil-ħinijiet mitluba mill-Kunsill. Apparti min hekk, ma għandux interess li jfittex opportunitajiet oħra fil-viċin.

## 8. *Performance Bonuses* tal-Ħaddiema Klerikali.

Ġie approvat *full performance bonus* għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsill, inkluż l-Agent Segretarju Eżekuttiv.
Ġie ukoll approvat it-tiġdid tal-*vacation leave* għal ħaddiema klerikali mis-sena 2015 għas-sena 2016.

## 9. *Tendering Process* tal-Blokijiet A's

Qbil li tinħareġ is-sejħa tat-*tenders* għal dan il-proġett.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 4.30pm

IFFIRMATA

Max Zammit
Sindku

IFFIRMATA

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv